134

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 6/13-F

Mansweta Zammit
vs
Mirage Holdings Ltd.

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mija u sebgħin ewro (€470), rappreżentanti prezz ta' *fridge* li kellha ħafna difetti.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *fridge* mingħand is-soċjeta' ntimata li kellha ħafna difetti, fosthom li kienet tagħmel ħafna silġ eċċessiv, li bdiet toħroġ ħafna ilma fl-art u bdiet tagħmel ħafna ħsejjes.

It-Tribunal ordna li din il-*fridge* tittieħed għand is-soċjeta' ntimata sabiex issewwi xi ħsarat li jista' jkun hemm u fil-fatt hekk sar. Wara li ġiet ritornata l-*fridge*, r-rikorrenti baqgħet tilmenta fuq il-ħoss illi l-intimat issottometta li huwa normali.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-*fridge* ġiet imsewwija u li baqa' l-kwistjoni tal-ħoss li għat-Tribunal dan huwa normali għax *fridge* tagħmel ftit storbju, waqt li l-affarijiet l-oħra kollha ġew imsewwija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888